# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 5 – IT-TLIETA 5 TA' NOVEMBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tlieta 5 ta' Novembru 2019 fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| Skużat | Lucia Massa | Kunsilliera |
| | Donald Cassar | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Is-Sindku semma li l-Kunsilliera Lucia Massa u l-Kunsillier Donald Cassar kienu infurmawh li kien se jkollhom bżonn ikunu indisposti.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Caruana irrimarka li kien hemm nuqqas fuq l-attendenza.

2.2 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsillier Camilleri u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semma li fuq dakinhar li se jingħata Ġieħ Ħal Luqa, il-Kunsill se jinġabar fis-7.30 pm fejn se jkollu udjenza mal-Kardinal. Fit-8.00 pm imbaghad tibda ċ-ċerimonja ta' Ġieħ Ħal Luqa. L-għada fis-6.30 pm se jkun hemm il-Quddiesa.

3.2 Is-Sindku ressaq tlett kwotazzjonijiet fuq is-servizz tad-Data Protection Officer li kienet xi ħaġa mandatorja. Il-Kunsill Lokali għażel l iktar waħda vantaġġjuża fil-prezz u li kienet toffri l-istess servizzi.

3.3 Is-Sindku informa li konna applikajna għall iskema tal-irrigazzjoni u din kienet intlaqgħet.

3.4 Is-Sindku semma wkoll li kien hemm fondi li jistgħu jintużaw għar restawr bejn il-LESA u l-AKL u li applikajna għalihom. Il-Kunsillier Camilleri qal li kellu informazzjoni li din l-iskema ġiet aċċettata.

3.5 Is-Sindku semma li r-Reġjun Nofsinhar għandhom fondi disposti li nistgħu nużawhom għad dawl tal-Milied. Huwa ippropona li jinkera dawl biex jintrema quddiem l-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandu jinkera dan id-dawl.

3.6 Is-Segretarju ressaq talba li saret mis-Sinjorina Ingrid Borg u s-Sur. Malcolm Muscat biex jiġi mġedded il-leave minn din is-sena għas sena d-dieħla. Is-Segretarju semma li anki huwa kien jeħtieġ li jġedded ammont kbir ta' leave peress li ma setax jagħmel użu minnu minħabba l-eżiġenzi tax-xogħol. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq it-traffic management li kellu jsir Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li bħalissa għadu kif ġie implimentat traffic management għad daħla ta' Ħal Luqa u l-ewwel għandna naraw kif dan se jkun qed jopera, qabel nipproponu idejat oħra. Huwa qal li diġà inħasset bidla għall aħjar għax il-konġestjoni naqset.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bollard ta' quddiem il-Mużew. Huwa qal li idealment issir waħda tal-istainless steel pulita u bil-katnazz. Is-Sindku qal li waħda simili nistgħu nagħmluha quddiem il-Kunsill Lokali.

4.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-traffic arrangements li saru għall Triq Ġużeppi Penza jekk din setgħetx saret bid-direzzjoni differenti milli hi. Is-Sindku semma li huwa wkoll xtaq kieku saret b' dan il-mod imma kien hemm it-TM fid-deċiżjoni.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma li ma konniex infurmajna kemm kienu inġabru dakinhar tal-Car Show b' risq ALS Malta. Kien propost biex isir post fuq il-media soċjali dwar dan u ninfurmaw li nġabru Euro 750.

4.5 Il-Kunsillier Aquilina semma li fi Triq Pietru Saliba hemm bżonn li jkun hemm il-parking bays. Is-Sindku qal li dawn iridu jsiru minn naħa tat-Transport Malta, peress li kienet hi li għamlet ix-xogħol.

4.6 Il-Kunsillier Aquilina faħħar ix-xogħol tal-water culverts li saru fi Triq il-Karmnu, però semma li fit-Triq fejn joqgħod hu xorta kien għad fadal xi ilma li qed jinġemgħa hemm. Huwa saqsa lis-Sindku tistax issir xi ħaġa fuq hawn. Is-Sindku qal li huwa kien diġà tkellem mal-Perit fejn dan qallu li soluzzjoni tkun li ssir ħofra apposta li mingħajr ma ttellef jkun jiskula l-ilma minnha.

4.6 Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm tappiera li hemm madwarha miksur fi Triq Giorgio Schinas u anki hemm bozza mhux tixgħel Triq Osbert Chadwick.

4.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm bżonn issir bozza fi Triq tal-Mahżnier viċin il-ħanut Computer Bargains. Huwa qal ukoll li fejn hemm Triq Dun Ġużepp Callus tird issir tabella tal-Cul de Sac.

## 5. PROĠETT TAL-LATRINA, TRIQ DUN PAWL

5.1 Is-Sindku semma li hawn ix-xogħol diġà kien inbeda bit-twaqqiegħ fuq ġewwa ta' waħda minhom. Huwa qal li kien se jkollu laqgħa mal-kuntrattur biex jiġi diskuss fuq ix-xogħolijiet li ser isiru fuq ġewwa.

## 6. STEDINA GĦALL FESTA TAL-FONTANA 1 TA' DIĊEMBRU

6.1 Is-Sindku semma li bħas snin ta' qabel irċevejna stedina biex nattendu għall Quddiesa tal-festa ta' Sant' Andrija fil-Fontana. Din id-darba se tkun fl-ewwel ta' Diċembru. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall din il-ġurnata.

## 7. XOGĦOLIJIET

7.1 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu nagħmlu xi ħaġa fuq il-ħaxix li qed jikber fis-soft areas. Is-Sindku semma li l-kuntratt li kellhom l-ELC mal-Gvern kien ġie estiż u għalhekk ix-xogħol jista jerġa jiġi lura għan normal.

7.2 Il-Viċi Sindku semma jekk jistgħux jinġiebu xi planters biex isebbħu. Is-Sindku qal li l-ewwel irridu nistennew li jitlestew ix-xogħolijiet minn Infrastructure Malta.

7.3 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu naraw kif se ninkludu lil Triq San Ġorġ mal-lista tat-toroq li qed isiru.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 5 ta' Novembru fis-6.40 pm. Kien hemm proposta l-ġurnata tad-9 ta' Diċembru għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**
**SINDKU**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**